MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Numru.

Carmelo Galea
vs
Chairman Air Malta Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tal-1988/1989 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promozzjoni u li nghata transfer mhux gustifikat.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi huwa kien ilu jahdem mal-Kumpanija ta' Air Malta mill-1980 u li kien ilu fil-grad ta' Assistant Officer mill-1986. Illi huwa flimkien ma tlett persuni ohra kien responsabbli biex titwaqqf is-sezzjoni tat-Technical Records. Illi huwa minhabba l-fatt li dejjem kien hadem fis-sezzjoni tat-

Technical Records u kien l-aktar wiehed li ghandu l-esperjenza f'din is-sezzjoni. Illi meta l-Assistant Manager irtira mill-impjieg, ir-rikorrent kien gie maghzul biex imexxi f'din is-sezzjoni hu, fil-fatt il-grad tieghu kien gie acting officer i/c technical records.

Illi peress li r-rikorrent kien l-uniku wiehed li kien eligibbli ghall-post ta' Assistant Manager fil-Technical Records, il-management tal-Kumpanija kien iddecieda li jabollixxi dan il-grad. Illi qatt ma kien inghata raguni valida ghala l-management kien ha din id-decizjoni ghalkemm huwa kien irrakomandat mic-Chief Engineer ghal dan il-post. Illi wkoll li normalment, il-procedura tal-kumpanija kienet li meta xi hadd ikun ghamel perjodu ta' sena jaghmel xoghol ta' Acting, dan kien jikkkwalifika ghall-promozzjoni. Issa ghalkemm ir-rikorrent kien ilu aktar minn sena jahdem bhala Acting, din ma ittehditx in konsiderazzjoni. Illi ftit wara huwa kien inghata transfer ghal ma' fergha ohra u minfloku kien intbaghat wiehed fil-grad ta' Officer li ma kellu l-ebda esperjenza f'dan il-qasam.

Illi huwa hass li kienet saret ingustizzja mieghu, kemm minhabba l-fatt li huwa kien l-aktar wiehed li kellu esperjenza u kwalifiki biex jimla l-post kemm ta' Assistant Manager kif ukoll dak ta' Officer Technical Records. Illi b'din id-decizjoni r-rikorrent kienet inghalqitlu kull opportunita` li qatt jista' jiehu promotion.
Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjoni, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-Air Malta Company Limited li eccepiet:

1. Preliminarjament u bla pregudizju, id-decizjoni tal-kumpanija li tabolixxi grad kienet decizjoni purament kummercjali u ghalhekk ma setatx tigi sindakata minn ebda Tribunal.

2. It-Technical Records Section kienet giet imwaqqfa mis-Superintendent Planning Development.

3. Ir-rikorrent kien ghamel "substitution duties" fl-1987 u 1988 u f'dak il-perjodu l-policy tal-kumpanija ma kenitx tali illi persuna li taghmel substitution duties tigi awtomatikament eligibbli ghal promozzjoni. Din il-policy infatti kienet giet introdotta fl-1981 meta r-rikorrent ma kienx qed jaghmel ebda substitution duties.

4. Id-decizjoni biex jigi abbolit il-grad ta' Assistant Manager fi hdan it-Technical Records Section kienet purament decizjoni amministrattiva bl-intenzjoni li tigi ammiljorata dik is-section u d-dipartiment ta' l-Engineering kollu.

5. It-transfer tar-rikorrent ghall-Planning Section ta' l-Engineering Department kienet maghmula purament skond l-esigenzi tal-kumpanija u biex jigu utilizzati t-talenti tal-manpower ghad-dispozizzjoni tal-kumpanija f'dak iz-zmien b'ahjar mod.

Illi ghar-ragunijiet fuq esposti, it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi fl-20 ta’ Ottubru 1998 l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu.

<u>Ir-rikorrent</u> ipprezenta l-affidavit tieghu fejn semma li ilu jahdem ma’ l-Air Malta mill-1980 u li xogholu huwa ta’ Acting Officer Technical Record. Bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 sofra ingustizzja u aktar preciz bejn l-1988 u l-1989 wara li ghamel xoghol ta’ Acting Officer fit-Technical Records fl-Engineering Section ma’ l-Air Malta u wara li ghamel dan il-perjodu ta’ madwar 17-il xahar xoghol, gie moghti transfer fis-6 ta’ Marzu 1989 minghajr raguni valida u ghalhekk la gie moghti l-promozzjoni kif ukoll gie moghti transfer.

It-transfer kien ghall-Planning Section ta’ l-Engineering Stores fl-Air Malta, fejn qatt ma seta’ jiehu promozzjoni hemmhekk. Minhabba li hemmhekk il-gradi kienu jaslu sa dak ta’ Assistant Officer liema grad diga` kellu. Din is-sitwazzjoni baqghet hekk sal-15 ta’ Mejju 1995 anzi ezattament sa Marzu 1998.

Minhabba t-trasfer sofra nuqqas ta’ overtime u l-persuna li marret minfloku kienet persuna inferjuri ghall-kwalifiki tieghu u dan kien certu Martin Grech.

Fil-perjodu meta kien Acting kien hemm il-Head tieghu ta’ dak iz-zmien kien John E. Jopson, li kien irrakkomandah ghall-promozzjoni. Dwar il-hatra ta’ Acting dan kien inghata din il-pozizzjoni b’mod ufficjali permezz ta’ ittra, izda wara xi sena lilu infurmawh li l-grad ta’ Assistant Manager m’ghadux jezisti f’dak id-Dipartiment u kien ghadu jezisti biss dak ta’ Officer jigifieri nofs triq ghax hu kien Assistant Officer. Ghalhekk kien baqa’ ghal xi tlett xhur jaghmel ix-xoghol ta’ Acting Officer u mbaghad wara gie trasferit.

Meta Martin Grech spicca minfloku dan ma kien ha ebda promozzjoni izda kien ha transfer ukoll. Ghall-perjodu ta’ sena u erba` xhur li kien dam Acting l-allowances kien hadhom. Illum il-gurnata rega’ qieghed jokkupa l-kariga ta’ Acting Officer fit-Technical Records u ghadu ma hax ir-rank ta’ Officer.

Xehed Victor Cassar Group Head fl-Information Technology u ilu f'din il-kariga ghal dawn l-ahhar sentejn. Dan semma li jaf lir-rikorrent minn bejn wiehed u iehor mill-1980. Hu kkonferma l-ittra li tinsab a fol 12 tal-process liema ittra fl-1 ta' Marzu 1988 huwa kien kiteb:

"Owing to the retirement of Mr C Cassar, Assistant Manager Technical Records, the compliment of Technical Records decreased by one. It is recommended that the post be filled by internal promotion from the existing staff and a replacement clerk be requested to make up the compliment".

Dak iz-zmien hu kien in charge mill-planning and development fejn kien jahdem ir-rikorrent. Is-Sur Cassar li kien spicca fil-fatt kien jigi taht ix-xhud u meta spicca s-Sur Cassar kienu hassew li l-kariga trid timtela' u ghalhekk kien ghamel l-ittra in kwistjoni fejn ghamel ir-rakomandazzjoni imsemmija. Sadanittant kien pogga lir-rikorrent biex jiehu hsieb is-sezzjoni. Ic-chief engineer kien kiteb lill-administration department biex isiru dawn il-proceduri u c-chief engineer kien kiteb li ghandha timela' l-kariga. Izda minflok ma hargu l-applikazzjonijiet administration department ta transfer lil persuna ohra li kienet qieghda f'section ohra u gabha f'dik is-sezzjoni. Ghalhekk ingab Martin Grech li ma kellux esperjenza f'din is-sezzjoni.

Semma li hu qatt ma ghamel rapporti negattivi dwar ir-rikorrent, anzi dejjem fir-rapporti tieghu nizzlu "above average". Hu sostna li r-rikorrent kien qed jaghmel xogholu sewwa. Dwar it-transfer ma kien jaf xejn u ma saret ebda konsultazzjoni mieghu. It-transfers johorgu mid-dipartiment tal-Human Resources u ma kien hemm ebda persuna li kellha esperjenza aktar mir-rikorrent fis-sezzjoni tant li infatti meta kien gie biex jaghmel xoghol ta' Acting kien proprju ippropona lir-rikorrent. Madanakollu suppost kellhom jigu segwiti l-procedura normali u cioe`, issir call for applications, jitqabbad bord u tintghazel il-persuna u dan dejjem kif kien jistipula l-collective agreement.

L-ittra tac-chief engineer ma kenitx tirrakkomanda li jsir persuna specifika fil-kariga, izda biss li timtela' l-kariga u r-rakkomandazzjoni kienet li din timtela b'mod intern.

Xehed Godwin Darmanin li ilu mill-1988 fil-kariga ta' Assistant Manager u semma li jaf lir-rikorrent li kien jirraporta lilu ghax-xoghol.  Meta kien spicca Carmelo Cassar li kien Assistant Manager dahal jaghmel ix-xoghol tieghu r-rikorrent.  Bejn Assistant Manager u l-kariga tar-rikorrent hemm zewg gradi u dawn iz-zewg gradi qatt ma gew mimlija.  Fil-fatt kien hareg is-Sur Cassar.  Semma li fl-Artikolu 9 a fol 4 tal-Collective Agreement hemm specifikat xi jrid isir meta tonqos persuna.  Semma li Romwald Brincat u Patrick Farrugia, dahlu minn barra fir-rank ta' Assistant Manager u ma kinux.

Gie prezentat il-ftehim kollettiv li a fol 4 tieghu a fol 35 tal-process fit-Taqsima B Kundizzjonijiet tax-Xoghol Artiklu 9 isemmi specifikatament:

"Il-promozzjonijiet isiru meta jinqala' l-bzonn taghhom u postijiet battala li jinqalghu normalment jimtlew sa mhux aktar tard minn tliet (3) xhur wara".

Xehdet Rita Taylor East Manager Human Resources u semmiet li l-Planning & Development Section tal-kumpanija Air Malta giet imwaqqfa mill-istess sena tal-Air Malta stess u cioe` mill-1974.  Dak iz-zmien il-persuna inkarigata minn din is-sezzjoni kien Victor Cassar li huwa engineer u kellu l-kariga ta' Supervisor Engineer Planning and Development.  Kien hemm Assistant Manager li kien Charles Cassar.

Minn dejjem il-kap tal-Planning & Development Section kien ikun Supervisor Engineer.  Victor Cassar kien in charge tas-section kollha u t-Technical Records kienet parti mis-section tal-Planning & Development.  Dwar Charles Cassar dan kien ex-RAF u fil-fatt ma tantx dam wisq mal-Air Malta, izda kien ha l-grad ta' Assistant Manager meta kien wasal kwazi biex jiehu l-pensjoni.

Fid-dipartiment kien hemm tnejn minn nies ohra flimnkien mar-rikorrent u dawn kienu Albert Attard u Michael Desira u dawn kienu ta' l-istess grade.

Ir-rikorrent qatt ma ghamel substitution dutes ghal Assistant Manager, izda kien ghamilhom bhala Assistant Officer. Meta spicca Charles Cassar kienet giet persuna minn sezzjoni ohra li kien Officer u baqa' fl-istess grad u baqa' jmexxi din is-sezzjoni. Dan kien Martin Grech. Kienu dahlu nies ohra bhala Assistant Managers fil-Planning Section u dahlu ghax kienu qualified engineers. Ziedet tghid li l-post qatt ma mtela' sal-lum il-gurnata ghax qatt ma kien hemm Assistant Manager.

Biex ir-rikorrent seta' japplika ghal Assistant Manager u cioe` l-kariga mhollija minn Charles Cassar trid tohrog applikazzjoni u din qatt ma harget.

Is-substitution duties li ghamel ir-rikorrent kienu bejn l-1986 u l-1989 u ghalhekk il-collective agreement li japplika kien dak ta' l-ewwel wiehed ta' April 1979 u in segwitu dan gie amendat b'dak ta' April 1988.

Gie prezentat affidavit ta' Louis Giordimaina li hu mpjegat ma' Air Malta u beda jahdem ma' l-Air Malta f'Ottubru ta' l-1975 u dejjem hadem fl-Engineering Department, u llum jokkupa l-kariga ta' Chief Engineer.

Il-Planning & Development section dejjem ezistiet fl-Air Malta izda l-ewwel kienet amministrata mill-Pakistani Airlines. Meta bdiet tigi mahduma mill-Air Malta kien is-Sur Victor Cassar li kien imexxiha u huwa inginier u kellu l-kariga ta' Supervisor Engineer. Zied li l-persuni li jahdmu u li hadmu fil-Planning & Development section huma kollha persuni bi kwalifika teknika u mhux klerikali.

Ir-rikorrent Carmelo Galea kien dahal fil-grad ta' clerk u mhux persuna teknika.

Ikkonferma li Charles Cassar meta spicca kellu l-grad ta' Assistant Manager. Meta kien spicca Charles Cassar in segwitu, kien gie Martin Grech fit-Technical Records

section fil-grad ta' officer, izda dan Grech inghata r-responsabilta` ta' din is-sezzjoni izda qatt ma nghata promozzjoni ghal Assistant Manager ghaliex qatt ma nhass il-bzonn li din is-section titmexxa minn Assistant Manager. Ma jaf xejn dwar it-transfer tar-rikorrent.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent hu bbazat fuq zewg aspetti u cioe` fuq in-nuqqas ta' promozzjoni u fuq trasferiment. Dawn iridu jigu ezaminati separatament. Ir-rikorrent ilmenta dwar il-fatt illi ma giex moghti l-kariga ta' Assistant Manager fit-Technical Records. Jinghad illi fil-fatt hu kien jahdem f'din is-sezzjoni izda jirrizulta li l-ewwel nett l-applikazzjoni ghal dan il-post qatt ma harget. Fil-fatt minn diversi ufficjali rrizulta illi kien inhass li s-sezzjoni in kwistjoni kienet zghira u ma kienx hemm bzonn illi jkun hemm Assistant Manager biex imexxiha. Huwa veru illi precedentement din kienet immexxijja minn Assistant Manager izda certament it-Tribunal ma ghandux jidhol fid-diskrezzjoni tal-kumpanija li tara jekk taghmilx il-kariga ta' Assistant Manager f'perjodu ta' zmien.

Irrizulta illi bhala stat ta' fatt hadd ma gie appuntat ghal din il-kariga u ghalhekk certament illi ma kien ebda intenzjoni diretta kontra r-rikorrent. Inoltre jinghad ukoll illi Carmelo Galea mhuwiex persuna teknika waqt illi l-post in kwistjoni normalment kien fdat f'idejn persuna teknika. Irrizulta wkoll li r-rikorrent kien zewg gradi aktar 'l isfel.

Illi ghalhekk certament, ir-rikorrent ma jistax jippretendi li giet kommessa mis-socjeta` intimata dwar in-nuqqas ta' promozzjoni tieghu ghall-Assistant Manager, li saret ingustizzja kif definita fit-termini tal-Ligi Att VIII tal-1997 u f'dan is-sens it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata.

Izda jinghad ukoll illi r-rikorrent inghata transfer. L-Air Malta ppretendiet li tiggustifika dan taht esigenzi tas-servizz, izda bhala stat ta' fatt qatt ma gabet provi dwar dawn l-esigenzi tas-servizz f'hiex kienu jikkonsistu. Fil-kawza fl-ismijiet "Silvio Demanuele vs Tabib Principali tal-

Gvern" deciza minn dan it-Tribunal fid-29 ta' April, 1998, intqal:
"L-esigenzi tas-servizz mhix xi haga li kapriccosament tista' tuza' bhala pretest biex taghmel li trid u tittraskura d-drittijiet tal-haddiema. Jekk verament ikun hemm esigenzi tas-servizz dan jintitola lill-Gvern mal-principju tal-mobilita' tas-servizz li jsir it-trasferiment; izda dawn l-esigenzi iridu jigu ippruvati u mhux semplicement allegati." [ara wkoll George Cutajar vs Direttur tal-Agrikoltura 6/4/98].

Issa fil-kaz in ezami ma giet moghtija ebda spjegazzjoni ghaliex ir-rikorrent gie trasferit u kawza ta' dan it-trasferiment huwa tilef il-flus. Huwa logiku li kull socjeta` ghandha d-dritt li tmexxi b'mod efficjenti u bl-ahjar mezz ghaliha purche` dan ma jmurx kontra d-drittijiet tal-haddiema. Issa kienet tkun gustifikata l-AirMalta illi tipprova l-esigenzi tas-servizz u li allura ma tkunx responsabbli ghal ebda danni, izda fil-fatt imkien ma nghatat raguni valida ghala r-rikorrent gie trasferit.

Illi ghalhekk it-Tribunal isib illi effettivament l-ingustizzja giet pruvata dwar il-fatt ta' transfer ghalkemm ma gietx purvata dwar il-kaz ta' promozzjoni.

Ghal dawn il-motivi, wara li t-Tribunal jichad l-eccezzjoni ta' l-intimati in kwantu jirrigwardja l-promozzjoni, peress li jsib l-ilment dwar transfer tar-rikorrent bhala gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf u hames mitt lira [LM1500].

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.